# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2024

**Avviż Nru: 212/2023**
**Nru fuq il-Lista: 4**

**Christoph Greving (K.I. 155223A)**

**vs**

**Estea Limited (C74300)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi, mressaq fid-29 ta' Awwissu 2023[1], permezz ta' liema intalab li s-soċjetà konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur l-ammont ta' ħamest elef u ħames mitt Ewro (€5,500) rappreżentanti ordni ta' biċċiet t'għamara imħallsa u mhux ikkonsenjata.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Settembru 2023[2].

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 3 tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-24 ta' April 2024[3], fejn għad li s-soċjetà konvenuta ġiet finalment notifikata, hija naqset milli twieġeb għal din l-azzjoni jew tattendi għas-seduta.

Semgħet ix-xhieda tal-attur fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2024, meta l-kawża tħalliet għas-sentenza[4].

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, is-soċjetà konvenuta għażlet li ma tweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas tirreġistra dehra fihom.

Illi f'din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob indenniz għall-ammont ta' ħamest elef u ħames mitt Ewro (€5,500) rappreżentanti ħlas t'għamara minnu mħallsa, iżda li baqgħet qatt ma ġiet konsenjata. Mix-xhieda tal-attur jirriżulta ampjament ċar li l-attur safa vittma ta' frodi, għaliex il-bniedem li kien qiegħed jinnegozja miegħu ma kienx fil-verità jaħdem bħala aġent jew venditur tal-fornituri barra minn Malta[5]. L-ammont mitlub wkoll ġie ben ippruvat. Naturalment, il-fatt li s-soċjetà konvenuta naqqset milli tħejji xi forma ta' difiża ma tistax tkun ħaġa t'għajnuna għaliha.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' ħamest elef u

[3] Verbal relattiv jinsab a fol 24 tal-proċess.
[4] Verbal jinsab a fol 25 tal-proċess.
[5] Ara kommunikazzjoni elettronika a fol 67 tal-proċess.

ħames mitt Ewro (€5,500), bl-imgħax legali mid-29 ta' Awwissu 2023[6] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, tal-ittra uffiċjali bin-numru 1625/2023 u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1563/2023, jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[6] Data tal-preżentanta tal-Avviż odjern.